# TIŻJIN FIT-TOROQ BI STATWI ARTISTIĊI

Kull Karkariż jaf li sa minn jiem qabel tasal il-festa, jintramaw fit-toroq u pjazez tiżjin bħal piramidi, brazzi, dwal, trofej, pavaljuni u statwi fuq pedistalli għolja. Forsi mhux kulħadd jaf lil min jirrappreżentaw u r-raġuni għax ġew magħżula. Billi llum diversi għalliema qed jitolbu lill-istudenti jagħmlu tiftix, qed ninqdew b'dan l-ispazju, biex kemm dawn kif ukoll meta aħna niġu mistoqsijin minn barranin, fosthom turisti, inkunu nistgħu nagħtu tweġiba.

Veru li kull tajr ferħan b'rixu, iżda l-istatwi tagħna, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma tassew artistiċi. Nibdew mill-istatwa ta' Malta li titpoġġa fi triq is-Santwarju. L-artist li ħadimha, V. Cremona, ried juri lil Malta bit-tarka tal-fidi f'idejha, ħaddnet u għarfet il-qawwa tar-rebħa tas-Salib. **F'post prominenti qrib il-każin tal-Banda S. Elena hemm l-istatwi artistiċi tal-Qaddisa Elena u binha Kostantinu li ukoll f'mumenti ta' glorja ma nesiex lil Ommu u ddikjaraha Imperatriċi. Dan hu xogħol reċenti ta' l-istatwarju Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi.** Fi Pjazza S. Franġisk, insibu l-istatwa tal-Papa Urbanu VIII, li kien kap tal-Knisja bejn 1623-44. Papa Barberini fi żmienu waqqaf il-Kolleġġjata Elenjana, l-ewwel waħda tal-Gżejjer Maltin. F'idejh iġib il-Bolla jew id-dokument uffiċjali "Sacri Apostolatus Ministerio" li bih waqqaf il-Kolleġġjata ad unur tal-Qaddisa. Din hi xogħol ta' Karlu Darmanin.

Fil-pjazza ewlenija tagħna fuq iz-zuntier hemm żewġ gruppi ta' statwi, xogħol ta' Darmanin (1825-1909). Dik tan-naħa tal-qanpiena l-kbira tfisser il-fidi, il-virtù li għandha żżejjen lil kull nisrani. L-oħra tirrappreżenta lil Ruma, iċ-ċentru tal-Kristjaneżimu, fejn il-Kap tal-Knisja, il-Vigarju ta' Kristu, għandu s-sede tiegħu. Diversi anġli, bil-brazzi jixigħlu f'idejhom, iżejnu l-faċċata tat-tempju.

L-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri (1885-1979) ħadem sett ta' sitt statwi minflok dawk is-sitt anġli bit-tarka f'idejhom li llum narawhom iżejnu lil Main Street. Uħud kienu jinżammu fi djar privati qabel ma tlesta l-maħżen. Tlestew għaċ-Ċentinarju tal-1928. L-istatwi huma ta' qaddisin Dutturi tal-Knisja li kitbu dwar S. Elena, Kostantinu u Papiet li għexu fi żmienha.

(a) S. Ambroġ Isqof (374-397) kittieb għaref li kiteb dwar il-Qaddisa, il-kitba tiegħu tinqara fl-Uffiċċju tal-Qari u silta minnha li miktuba bil-latin fiċ-ċinta tal-Bażilka.

(b) S. Girgor il-Kbir Papa (590-604) li kellu parti importanti fl-istorja tal-Knisja u kiteb dwar S. Elena.

(c) S. Ġwann Grisostmu Isqof (347 - 407) Duttur Grieg magħruf dwar is-sbuħija tal-ħajja nisranija, li kellu kliem ta' tifħir għall-Qaddisa Elena.

(d) S. Ġwann Damaxxenu (676-780) Saċerdot ieħor mill-Knisja ta' l-Orjent li

ħadha kontra l-Ikonoklasti li qerdu bosta xbihat qaddisa.

(e) S. Silvestru Papa (314-335) li għex qrib il-Qaddisa u Kostantinu, billi fi żmienu wkoll sar il-Konċilju ta' Niċea kif ukoll is-7 bażilki ewlenija mogħtija minn Kostantinu l-Kbir. Il-konverżjoni ta' Elena u binha nafuha lilu.

(f) S. Melkijade Papa (311-314) li għex qabel Silvestru. Lilu Kostantinu ta l-Palazz tal-Lateran, li saret il-Bażilka tal-Papa. Illum din hi magħrufa bħala l-bażilka ta' San. Ġwann Lateran.

Fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja S. Rokku tintrama l-istawa ta' S. Makarju Isqof ta' Ġerusalemm, xogħol ta' l-istatwarju K. Darmanin. Kien dan il-Qaddis li fl-okkażjoni tal-Konċilju ta' Nicea, ħeġġeġ lil Qaddisa Elena biex l-ghuda mqaddsa tas-Salib tal-Mulej ma tibqax fir-radam, moħbija u mċaħħda mill-qima li tistħoqqilha. Ma setax jonqos li ma jkunx preżenti wkoll fix-xogħol ta' l-iskavi u fis-sejbien tal-post fejn dawn l-emblemi tal-Passjoni kienu moħbija.

Fil-pjazza, in-naħa t'isfel ta' Main Street, hemm ix-xbiha maestuża ta' Kostantinu l-Kbir (275-337), xogħol ta' K. Darmanin. Interessanti ħafna hi l-kitba bil-latin tal-magħruf Dun Ġużepp Zammit Brighella, midfun fil-Bażilka tagħna u Latinista magħruf għall-kitba tiegħu. Barra l-anġli li ssemmew aktar 'l fuq, li darba kienu jintramaw fil-pjazza, x-xogħol ukoll ta' Wistin Camilleri hemm anġli oħrajn bl-istemma tal-parroċċi li ħarġu minn Birkirkra, li tissejjaħ arċimatriċi. Dawn huma xogħol ta' Xandru (Qormi).

Fil-wied ta' B'Kara kemm żewġ statwi oħra, xogħol ta' Camilleri Cauchi. Waħda minnhom hi S. Elena tgħannaq is-Salib Imqaddes waqt li l-oħra tirrappreżenta lil Kostantinu riekeb fuq iż-żmiemel jaħrab minn Nikomedija, fejn kien jinżamm għal suppost taħriġ militari, l-artist iġibu jlebbet fi triqtu lejn il-Brittanja biex jilħaq ħaj lil Kostanzo, missieru moribond. F'din l-okkażjoni laħaq suċċessur ta' missieru fl-armata.

Dan it-tagħrif jagħti idea għaliex ġew magħżula dawn ix-xbihat li barra li jsebbħu, jgħallmu lil kull min jinteressa ruħu jfittex tagħrif dwarhom.

a.m.b.

